P. ĠUŻEPP VELLA OFM

# REV. P. EWĠENJU (ANĠELO) FENECH OFM (1944–2001)

F'din is-sensiela jmissna nkunu nafu xi ħaġa dwar P. Ewġenju (Anġelo) Fenech, fil-ħidma tiegħu bħala Franġiskan. Kien Reliġjuż u Saċerdot Slimiż, iben il-Parroċċa tagħna. Imma, ftit huwa magħruf mis-Slimiżi tal-lum għax qatt ma ħadem fil-Parroċċa tagħna.



P. Ewġenju Fenech OFM

Huwa twieled nhar is-7 ta' Awissu 1944. Missieru kien jismu Ġużeppi u ommu Carmela Buttigieg. Ġie mgħammed fil-Knisja parrokkjali tagħna mill-Viċi Parroku P. Beneditt Ellul OFM Dak iż-żmien, bħala Kappillan, kellna lil P. Anġeliku Azzopardi OFM Il-Magħmudija saret fit-8 ta' Awissu. Ġie mogħti l-ismijiet ta' Anġelus, Emmanuel, Marius u Paulinus. Il-Parrini kienu Franġisk Fenech u Carmela Meilaq. Twieled fid-dar Nru. 7 Triq Parisio.[1]

Ta' tifel żgħir kien imur l-iskola primarja "St. Elizabeth" tas-Sorijiet Franġiskani ta' Tas-Sliema. Beda t-tagħlim tad-duttrina fil-M.U.S.E.U.M. Meta tfarfar sewwa daħal abbati fil-Knisja tagħna. Minn hawn nibtet fih id-devozzjoni lejn il-Madonna, taħt it-titlu għażiż li aħna nqimuha, u għalhekk kibret fih l-imħabba lejn il-Parroċċa tagħna. Il-Madonna tefgħet ġo qalbu ż-żerriegħa għall-ħajja reliġjuża u franġiskana. Anġlu kompla l-iskola sekondarja fil-Liċeo tal-Ħamrun. Għamel il-kors kollu sal-ħames klassi.[2]

Ta' 15-il sena daħal novizz fil-kunvent ta' San Franġisk, il-Ħamrun. Kien nhar is-27 ta' Settembru 1959 meta libes iċ-ċoqqa franġiskana u ġie mogħti l-isem ta' Fra Ewġenju. Wara s-sena tal-prova, fl-istess kunvent tal-Ħamrun, għamel il-Professjoni Sempliċi nhar it-28 ta' Settembru 1960. Fra Ewġenju kompla l-istudji tiegħu fil-kunvent tar-Rabat u aktar tard fil-kunvent tal-Belt Valletta. Meta għalaq il-21 sena għamel il-Professjoni Solenni nhar it-12 ta' Awissu 1965. Wara li temm il-kors tat-Teoloġija ġie ordnat Saċerdot fil-Kon Katidral ta' San Ġwann, mill-Arċisqof Mikiel Gonzi, fit-22 ta' Marzu 1969.[3] Kien nhar l-20 ta' April meta għamel l-Ewwel Quddiesa solenni fil-Knisja Parrokkjali tagħna. Il-paneġierku nisġu l-Mastru tiegħu P. Ġużepp Beneditt Xuereb OFM Ħa sehem il-kor tal-Ħamrun flimkien ma' l-orkestra taħt it-tmexxija ta' Dun Ġużepp Cachia.[4]

Wara li qaddes, P. Ewġenju beda l-appostolat tiegħu qalb iż-żingari f'Reggio Calabria fl-Italja. Huwa mar għal ftit xhur jaħdem fost dawn il-fqar u l-emarġinati tas-soċjetà.[5] Lura Malta minn din l-esperjenza ġie mibgħut fid-dar ta' l-irtiri ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Matul ir-Randan mar Tripli fil-Libja biex jagħti kors ta' eżerċizzi spiritwali lill-Maltin u Taljani li jaħdmu hemm.[6] Nhar is-17 ta' Frar 1970 reġa' sab ruħu fil-kunvent ta' San Franġisk fil-Ħamrun.[7] Matul dawn il-ftit xhur li kien ilu jqaddes, dejjem insista mas-superjuri tiegħu li jtuh il-permess li jmur fil-Missjoni ta' l-Amerika Ċentrali mal-Patrijiet tagħna l-Maltin. It-talba tiegħu ġiet milqugħa mill-Provinċjal P. Wistin Portelli OFM Kien nhar it-8 ta' Lulju 1970 meta l-istess Provinċjal tah is-salib bħala missjunarju għall-Honduras. Il-funzjoni saret fl-istess Knisja tal-Ħamrun. P. Ewġenju ħalla Malta għall-Missjoni fil-Honduras fil-11 ta' Lulju 1970 fit-2.45 p.m.[8]

### Fil-Missjoni

Li tmur taħdem fl-art tal-Missjoni mhix deċiżjoni ħafifa. Is-sens tas-sagrifiċċju jirbaħ fuq kull sentiment ieħor. P. Ewġenju kien ta' kuraġġ kbir u kellu sens ta' dover qawwi. Dawn għamluh bħala saċerdot ideali f'dan il-qasam. P. Ewġenju wasal fl-Amerika Ċentrali f'Ottubru ta' l-istess sena.[9] Huwa baqa' jaħdem u ta saħħtu kollha għal 21 sena f'dawn il-pajjiżi li tant għandhom nuqqas ta' saċerdoti. Għal xi żmien baqa' fid-dar ta' l-Isqof. Dan biex jilħaq jidra l-ambjent u jipprattika l-lingwa Spanjola. Fil-Honduras intbagħat fil-Parroċċa ta' La Libertad. Din il-Parroċċa hija estiża ħafna u tinsab fid-Djoċesi ta' Comayagua. Din il-Parroċċa għandha magħha għadd kbir ta' villaġġi żgħar u kbar. Hawnhekk ħadem ukoll, għal xi żmien, bħala Kappillan. F'dawn il-villaġġI jeżistu biss toroq li trid tgħaddi minnhom biss fuq xi żiemel jew xi bagħal. Postijiet mingħajr dawl u ilma fil-vit jew telefon. Minn din il-Parroċċa ħarġu ħafna vokazzjonijiet saċerdotali jew reliġjużi.[10]

Huwa diffiċli ħafna li tkun taf x'wettaq sew P. Ewġenju. La darba tkun fil-Missjoni wieħed irid jinsa lilu nnifsu u jingħata kollu kemm hu għall-ħidma iebsa li joffru iċ-ċirkostanzi li jkollok quddiemek. Nafu fi żgur li bena knisja mdaqqsa mħallsa minn benefatturi Maltin.[11] Minn hawn, is-Superjur tal-Missjoni, bagħtu fil-Guatemala biex jaqdi l-missjoni tiegħu hemm. Ġie mogħti l-Parroċċa fir-reġjun "El Progressio". Hawn ukoll ħadem għal diversi snin bħala Kappillan tal-Parroċċa.[12] Wara din l-esperjenza, P. Ewġenju, sab ruħu f'El Salvador. Kien Kappillan ta' Parroċċa kbira fil-belt ta' Acayutla. Hawn għamel 9 snin sħaħ bħala Kappillan.[13] Fost il-ħidmiet tiegħu rnexxielu jistampa, bl-Ispanjol, Kummentarju

għal-lezzjonijiet u l-Vanġelu tal-Quddies tal-Ħdud.[14]

Il-ħidma fejjieda u bieżla li wettaq P. Ewġenju, matul il-21 sena fl-Amerika Ċentrali, ħallew fuqu effetti negattivi. Proprju ta saħħtu għall-fidili li kellu taħt il-kura tiegħu. Beda jħossu għajjien u saħħtu bdiet tħallieh ftit ftit. Fuq pariri tat-tobba mar il-Kanada għall-vaganza fit-tul bħala konvalexxenza. Għalhekk fl-1991 sab ruħu l-Kanada jwettaq xogħol siewi fost il-Maltin u t-Taljani ta' Toronto. Hawn dam tliet snin dejjem bit-tama li jkollu l-permess li jerġa' lura fil-Missjoni fejn kien.[15] Is-Superjuri Maltin talbuh jinżel Malta għall-mistrieħ bil-wegħda li wara jerġa' lura lejn il-Missjoni. Kemm dam Malta għamel sena fil-kunvent ta' Għawdex. Is-sena 1994 kienet għeluq il-25 sena tas-saċerdozju tiegħu. Għalhekk fakkar dan l-anniversarju. Il-Quddiesa ta' ringrazzjament għamilha fil-Kappella tad-Dar ta' l-Irtiri Portiuncola f'Baħar iċ-Ċagħaq. Kienet festa familjari għall-aħħar.[16] Fl-ewwel xhur tal-1995 il-Provinċjal ħajru biex imur Ġerusalemm u jagħmel kors ta' aġġornament dwar il-Bibbja. Għall-ewwel ma tantx ħa gost. Kif igħid hu stess, "Tqarrast u domt ftit mhux ħażin naħsibha biex naċċetta jew le. Fi xjuħiti kelli nerġa' mmur l-iskola!!!!" F'Settembru 1995 sab ruħu fl-Art Imqaddsa. "Wara xi jiem ta' ġiri, mili ta' karti u formoli u ħlas ta' viżi bdejt nattendi fl-"Istudium Biblicum Francescanum" f'Ġerusalemm. Kienu xhur diffiċli, speċjalment għal saħħtu, minħabba t-tlugħ u nżul fit-toroq tal-Belt Imqaddsa. Sa kellu jgħaddi 40 jum fl-isptar San Ġużepp.[17] Is-sena skolastika għaddiet b'wiċċ il-ġid. P. Ewġenju kiseb id-diploma billi ppreżenta studju dwar il-Belt ta' Seforis fil-Galilija.[18]


" L-Ispirtu tal-Mulej fuqi : għalhekk dilikni biex nippriedka 'l-foqra l-aħbar it-tajba. "

( Luqa 4. 18. )

Tifkira

ta'

l-Ordinazzjoni Saċerdotali

u ta'

l-Ewwel Quddiesa Solenni

P. Ewġenju Fenech o.f.m.

San Gwann Il-Belt 22 - 3 - 69

Sacro Cuor Tas-Sliema 20 - 4 - 69

487 - 02

IMPRIMÉ EN ITALIE PRINTED IN ITALY

**Tifkira ta' l-ewwel Quddiesa Solenni ta' P. Ewġenju**

### Ħidma Litterarja

Sa minn ċkunitu, P. Ewġenju kien inklinat għall-kitba, kemm għall-poeżija u kemm għall-proża. Ta' student kien jikteb plejs biex jiġu ppreżentati fil-ġranet tal-Milied jew fil-ġranet tal-Karnival. Kif diġà rajna meta kien fil-Missjoni ppubblika kummentarju bl-Ispanjol, għall-qari tal-Quddies tal-Ħdud u l-Festi. Huwa kiteb rumanz "Dawra Durella", li hu ambjentat fil-pajjiżi ta' l-Amerika tan-nofs. Dan ir-rumanz kien rebaħ it-tielet premju fil-konkors li kien imniedi minn Buġelli fl-1981. Dan, kien ġie ppubblikat tliet snin wara. Rumanz ieħor li kiteb kien jismu "Ġenna ta' l-art" li kien ippubblikat ukoll fl-1985. Għandu wkoll xogħolijiet oħra għall-palk, novelli u poeżiji bil-Malti.[19] Fis-sena li dam Malta, fl-1994, P. Ewġenju rebaħ l-ewwel premju bil-poeżija "Ġej il-Milied" fil-konkors li kien organizzat mill-Għaqda drammatika San Lawrenz ta' Għawdex.[20] Matul din is-sena wkoll fil-ġurnal "KullĦadd" kien jieħu ħsieb rubrika bl-isem "Sabiħa l-Ħajja". Kienu kummentarji spiritwali għall-Vanġelu ta' kull nhar ta' Ħadd.[21]

Bħala saċerdot franġiskan Malti kien jaf biżżejjed kemm il-Patrijiet tal-Provinċja tagħna, għal mijiet ta' snin, ħadmu bis-sħiħ b'riżq il-Qabar ta' Kristu. Xi wħud minn dawn il-Patrijiet kienu fl-ogħla kariga tal-Kustodja tat-Terra Santa. Hemm ukoll xi patrijiet li huma midfuna fil-Palestina. P. Ewġenju pprofitta ruħu miż-żmien li kien qiegħed fl-Art Imqaddsa, beda jagħmel riċerka kbira fl-arkivji tal-kunventi kollha biex isib aktar tagħrif dwar patrijiet Maltin li ħadmu f'din il-Missjoni għażiża għalina l-Franġiskani. Xogħol bħal dan kien diġà sar mir-Rev. P. Lett. Giorgio Xerri OFM fl-1933. Kien ġie ppubblikat ktejjeb ta' 140 paġna bit-Taljan. Kien jismu "Malta e i Luoghi Santi della Palestina". Naturalment P. Ewġenju seta' aktar jidħol fil-fond tad-dokumenti oriġinali aktar minn P. George Xerri OFM għax P. Ewġenju kellu aktar żmien u aktar faċilità li jfittex fl-arkivji kollha. Din ir-riċerka, li daħal għaliha P. Ewġenju, kienet biċċa xogħol kbira u ta' importanza storika. Dan ix-xogħol ħadlu ħafna żmien imma qabel ma miet kellu x-xorti u s-sodisfazzjon li jara l-materjal kollu laħaq ġabru u kien fl-aħħar fażi tal-kitba tiegħu. Fil-ġudizzju tal-Professur tal-Biblicum, ir-Rev. P. Eugenio Alliata OFM, qal li r-riċerka hija ta' valur kbir u ħaqqha li xi darba tiġi ppubblikata.[22] Għalhekk P. Ewġenju ta lil Provinċja tagħna kif ukoll lil Melitensia tagħrif li kien moħbi għal mijiet ta' snin.

### Ħidma fl-Art Imqaddsa

Wara li spiċċa l-kors ta' aġġornament fl-Iskrittura Imqaddsa, fis-Sajf ta' l-1996, beda jistenna xi ordnijiet mis-superjuri tiegħu f'Malta. Sadanittant il-Kustodju tat-Terra Santa talab lil P. Ewġenju biex imur Jaffa biex jieħu ħsieb il-Knisja ddedikata lil San Pietru. F'din il-belt sab igħixu fiha ħafna nies ġejjin minn diversi pajjiżi ta' l-Amerika t'isfel. Għalhekk P. Ewġenju reġa' sab ruħu jtaqtaq bl-Ispanjol. Kif kiteb hu stess kienet missjoni iebsa. Wara ftit xhur beda jidra u beda jħossu għal qalbu ħafna. Kien imexxi wkoll pellegrinaġġi bl-Ingliż, Taljan, Spanjol u Maltin li jżuru l-Art Imqaddsa. F'Ġunju tal-1996 laħaq Provinċjal ġdid P. Bernard Bartolo OFM li mill-ewwel ta l-permess lil P. Ewġenju biex jibqa' jaħdem fil-Palestina la darba kienet ix-xewqa tiegħu.[23] Fl-aħħar xhur tal-1997, P. Ewġenju ġie maħtur Direttur tal-"Casa Nova". Hija Dar li tilqa' fiha pellegrini li jkunu jżuru l-Art Imqaddsa. Din qiegħda f'Betlehem.[24]

Wara xi żmien Direttur ta' Casa Nova għadda ftit xhur f'Beirut u f'Ramleh. Fil-Kapitlu Kustodjali li sar fl-1998 ġie mibgħut Nazaret bħala Direttur Spiritwali għall-

pellegrini. Kienet esperjenza qasira. Kien hawn li bdew jidhru sintomi tal-marda bla fejqan. Għadda il-kumplament tal-ġranet bejn kamra fl-isptar u oħra fil-kunvent.[25] Nhar is-27 ta' Marzu 2000 kellu jmur lura l-isptar biex ikompli l-kura li kien qiegħed jagħmel. Fil-ġurnata ta' qabel bagħat ittra lill-Provinċjal li fiha wera t-tama ta' fejqan. F'din l-ittra rrakkonta l-ġrajja tal-viżta tal-Papa fil-Bażilika ta' Nazaret.[26] Huwa kompla jikteb hekk: "Il-Ġimgħa 12 ta' Mejju tawni l-aħħar doża tal-Kimo. Kelli nibqa' l-isptar għal aktar testijiet. Qaluli li kelli nerġa' mmur lura l-isptar għal ftit ġranet. Tista' taħseb kif ħadtha din l-aħbar ... kont ħsibt li ħlistha ħafif, imma mid-dehra l-Mulej irid xi ħaġa minni. Naf li jħobbni u mhux se jagħtini salib li ma niflaħx inġorru ... Tad-dar (tal-familja) diġà għarrafthom bl-affari kollha. Nispera li dak li sabu mhux malinju ... nitolbok li tiftakar fija fit-talb biex nagħmel dak li jistenna minni l-Mulej. Jiena nibgħat nagħrfek meta jkolli aħbarijiet tajba jew inqas".[27] Fis-Sajf ta' l-istess sena, P. Ewġenju, ġie Malta biex jara lil ħutu u l-Patrijiet sħabu. Kienet żjara qasira ħafna.[28] F'Novembru ta' l-istess sena il-Provinċjal reġa' rrikkmanda lill-Patrijiet biex jitolbu għal P. Ewġenju għax kellu jerġa' jibda l-kura meħtieġa.[29] Minn hawn huwa reġa' beda tiela' l-kalvarju tal-marda li ħakmitu, għax f'din l-aħħar sena kien dieħel u ħiereġ l-isptar. Il-Provinċjal P. Bernard Bartolo OFM, kitiblu u stiednu li jekk irid jista' jiġi lura Malta u jkompli l-kura hawnhekk. It-tweġiba ta' P. Ewġenju kienet li jixtieq li jibqa' fl-Art Imqaddsa ħalli jġorr is-salib tal-mard sa l-aħħar nifs ta' ħajtu fil-belt qaddisa ta' Ġerusalemm.[30] Fl-infermerija tal-kunvent, tas-Salvatur f'Ġerusalemm, kellu l-konsolazzjoni li kellu soru Maltija li kienet tieħu kura tiegħu. Din hija Suor Flaviana Aquilina, Franġiskana tal-Qalb ta' Ġesù. P. Ewġenju kien sikwit jirringrazzjaha ta' dak kollu li tagħmel miegħu. Fl-aħħar ġranet kien qalilha, "Ħuduni l-isptar għax hemm forsi jagħmluli xi ħaġa u jtaffuli xi ftit mill-uġigħ..." Huwa ġie meħud fl-isptar ta' Ħajfa. Din is-soru flimkien ma' P. Twanny Chircop OFM u Bro. Joseph Magro OFM u sorijiet oħra Maltin, kienu se jmorru l-isptar biex jarawh u jieħdulu magħhom xi affarijiet li kien iħobb jiekol. Imma ma kellhomx ix-xorti jarawh ħaj għax ġurnata qabel laħaq miet. P. Ewġenju baqa' f'sensieħ sa l-aħħar mumenti.[31] Miet qrib nofsinhar tad-9 ta' Novembru 2001. Ħdejn is-sodda tiegħu kellu lil ħuh Pawlu li mar il-Palestina minn ġranet qabel biex ikun qrib tiegħu f'mumenti diffiċli bħal dawn. Kien ilu madwar tliet ġimgħat fl-isptar ta' Ħajfa. Il-funeral tiegħu sar it-Tnejn 12 ta' Novembru fil-Bażilika tas-Salvatur f'Ġerusalemm. Qaddes P. Twanny Chircop OFM flimkien ma' 50 patri konċelebrant. Ħadu sehem numru ta' Patrijiet oħra u studenti Franġiskani.[32] P. Twanny kien qiegħed jirrappreżenta lill-Ministru Provinċjal tagħna. Fiha wkoll, huwa qara messaġġ mibgħut mill-Provinċjal innifsu.[33] L-omelija saret minn P. Lino Cignelli OFM, kif qal hu stess fl-omelija, sieħbu fl-istess marda kiefra. Skond ix-xewqa ta' P. Ewġenju huwa ġie midfun mal-Patrijiet Franġiskani tat-Terra Santa fiċ-ċimiterju ta' Ġerusalemm.

Fil-Knisja Parrokkjali tagħna sarlu wkoll il-funeral uffiċjali tal-Provinċja tagħna. Dan sar fl-istess ġurnata, 12 ta' Novembru. Fid-9.00 a.m. il-Provinċjal qaddes Konċelebrazzjoni solenni flimkien ma' 33 patri li ġew mill-kunventi kollha. Ġew saċerdoti oħra li kienu jafuh. Il-Knisja tagħna kienet mimlija bil-familjari tiegħu, qraba u ħbieb.[34]

F'dan il-ħjiel rajna xi ftit mill-ħidma missjunarja ta' P. Ewġenju Fenech kemm fl-Amerika Latina u kemm fl-Art Imqaddsa. Rajna xi ftit mill-ħila litterarja tiegħu. Min jafu sewwa, speċjalment ħutu l-Patrijiet u oħrajn li għexu jew ħadmu miegħu, jafu sewwa kemm kien ta' karattru, soċjevoli, ferrieħl u ħabrieki. Kien imidd idejh għal kull tip ta' xogħol manwali. P. Ewġenju kellu qalbu mimlija mħabba għall-fqar, għal kull min hu żgħir u mwarrab mis-soċjetà. Huwa għex fosthom, speċjalment fl-Amerika Ċentrali. Rajna r-rassenjazzjoni tiegħu għar-rieda ta' Alla. Fuq kollox rajna wkoll li fit-tbatija li kien għaddej minnha, huwa ra wkoll l-imħabba ta' Alla lejh. Kien konvint li b'dan il-mod Alla kien qiegħed iħejjieh għas-saltna ta' dejjem.

Miet fl-età ta' 57 sena. Kien ilu reliġjuż franġiskan għal 41 sena u kien ilu saċerdot għal 32 sena.[35] J'Alla l-eżempju tiegħu jħajjar żgħażagħ Slimiżi għall-ħajja franġiskana. Tas-Sliema tbierek it-tifkira tiegħu u ssellimlu bħala iben li għamlilna ġieħ.

## REFERENZI


1. Arkivji Parr. Liber Bapt. Vol. IV p. 208, Nru. 414.
2. Tagħrif mogħti lill-awtur minn ħuh Mario.
3. Schematismus Provinciae 1973, p. 14.
4. Kronaka Kunvent Sliema Vol. 1, 1964 - 1974, p. 41.
5. "L-Aħbar" (Tagħrif Provinċjail) Lulju/Awissu 1999, p. 6.
6. Id., Ibid, p. 7.
7. Kronaka kunvent, Ħamrun, Vol. 1, 1946-1985, p. 141.
8. Id Ibid, p. 143, 144.
9. "L-Aħbar", Jannar/Frar 1997, p. 4.
10. Id., Ibid., 1999, p. 7.
11. Tagħrif lill-awtur minn ħuh Mario.
12. Tagħrif lill-awtur minn P. Ġwann Schranz OFM
13. "L-Aħbar", Jannar/Frar 1999, p. 8.
14. Ċirkolari tal-mewt tiegħu fit-Terra Santa minn P. Vincenzo Iannello OFM
15. "L-Aħbar", Jannar/Frar 1999, p. 4.
16. Id., Ibid., p. 7.
17. Id., Ibid., p. 4.
18. Id., Ibid., Novembru 1996, p. 3.
19. In-Nazzjon 16-11-2001, p. 18.
20. "L-Aħbar", Frar 1995, p. 2.
21. Tagħrif minn ħuh Mario.
22. Mill-omelija (kopja għand l-awtur) tal-funeral.
23. "L-Aħbar", Jannar 1997, p. 4-5.
24. Id. Ibid. Jannar/Frar 1998, p. 9.
25. Ċirkolari tas-Segretarju tal-Kustodja tat-Terra Santa Opus Cit.
26. "L-Aħbar", Mejju/Ġunju 2000, p. 5.
27. Id., Ibid., Lulju/Awissu 2000, p. 5.
28. Id., Ibid., Ottubru 2000, p. 2.
29. Id., Ibid., Novembru/Diċembru 2000, p. 2.
30. Tagħrif lill-awtur mir-Rev. P. Provinċjal Bernard Bartolo OFM
31. Ittra ta' Suor Flaviana Aquilina (fotokopja) lill-familja tiegħu.
32. Tagħrif lill-awtur mir-Rev. P. Twanny Chircop OFM
33. "L-Aħbar, Diċembru 2001, p. 4.
34. Kronaka kunvent Sliema, Vol. VII, 2000, p. 80.
35. Nekroloġ tal-Provinċja.